Ħbieb il-Kappelli Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Marzu 2025

Ħarġa Nru 47



Ħbieb il-Kappelli Maltin

**PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta**
e-mail: **hbiebkappellimaltin2024@gmail.com**
**Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin**

# EDITORJAL

**Kumitat 2024-2025**

**President**
Miriam Schembri

**Viċi-President**
Norbert Gingell

**Segretarju**
Adrian Schinas

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Relazzjonijiet Pubbliċi**
Owen Caruana

**Korrispondenza**
RoseAnn Mamo

**Membru**
Godfrey Mangion

**Fuljett**

**Ġbir ta' informazzjoni:** Norbert Gingell

**Issettjar:** Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

Il-faċċata tal-Knisja ta' San Gwann T'Għuxa

Ritratt: Norbert Gingell

Għeżież Membri u Ħbieb,

Frar hu marbut mal-festa ta' San Pawl u l-miġja tiegħu f'Malta. Għalhekk kien xieraq li waħda mill-kappelli li żorna fl-attività li kellna fi Frar ġo Bormla kienet propja fil-knisja ta' San Pawl.

Għal darb'oħra kienet attività interessanti u nformattiva. Grazzi dejjem lilkom tal-appoġġ li kostantanjament tagħtuna u tal-attendenza tajba li dejjem qed ikollna. F'din il-ħarġa tal-fuljett se nagħtukom l-istorja dwar il-kappelli li żorna f'Bormla: dik ta' San Ġwann t'Għuxa, ta' San Pawl, tal-Konservatorju San Ġużepp u l-Oratorju ta' Marija Addolorata.

Fix-xahar ta' Marzu l-attività se tkun żjara fi tlett kappelli f'Ħaż Zebbuġ, Fiċ-ċirkolari li rċevejtu flimkien ma' dan il-fuljett għandkom issibu l-informazzjoni kollha taż-żjara li se norganizzaw.

Narawkom ħbieb

*N. Gingell*

Għall-Kumitat

## ERRATA CORREGGE

B'riferenza għall-artiklu li deher fil-ħarġa tal-fuljett ta' Frar 2025 dwar Franceco Zahra, Anthony M Bonello, ex-President tal-Għaqda, ġibdilna l-attenzjoni li tliet pitturi li ġew ippubblikati fih mhumiex xogħol ta' Zahra kif ġie indikat . Dawn kienu:-

Il-kwadru tal-Assunta li hemm f'Tal-Ħlas żgur li mhux tiegħu għax dan inġieb minn Ruma.

Il-kwadru ta' San Franġisk ta' Paola (Ħal Qormi) huwa xogħol ta' Giuseppe D'Arena

Il-kwadru ta' San Martin tal-Baħrija huwa attribwit lil Gian Nikola Buhagiar.

Niskużaw ruħna għal dan in-nuqqas. Fl-ewwel ċans li jkollna spazju f'xi edizzjoni tal-fuljett, nerġgħu nipproduċu kwadri ta' Francesco Zahra .



Membri tal-Għaqda jisimu lis-Sur John Galea fil-kappella ta' San Pawl, Bormla

# Il-Konservatorju u l-Knisja ta' San Ġużepp, Bormla



Il-faċċata frontali tal-knisja ta' San Ġużepp

Fl-1699 Laurica Agius waqqfet il-*Conservatorio delle Zitelle* (orfanatrofju għat-tfajliet foqra) taħt il-protezzjoni tal-Immakulata Kunċizzjoni fl-inħawi ta' Santa Margerita f'Bormla. Dan il-konservatorju ngħalaq 99 sena wara b'ordni maħruġa mill-ħakkiema Franċiżi fit-13 ta' Ġunju 1798. B'xorti tajba, il-ħakma Franċiża ġiet fi tmiemha f'qasir żmien u dan il-Konservatorju reġa' fetaħ il-bibien tiegħu fl-ewwel snin tas-seklu 19. Aktar minn hekk, dan inbena mill-ġdid fl-1810 bl-ewwel sular, bit-tieni sular jinbena fl-1888.

Is-seklu 19 ġab ukoll bidla fit-tmexxija tiegħu. Is-Sorijiet ta' San Ġużepp tal-Apparizzjoni waslu Malta lejn nofs is-seklu 19 u fetħu dar u skola fil-Birgu. Is-Sorijiet ta' San Ġużepp tal-Apparizzjoni ilhom Malta sa mill-1842. Santa Emilja ta' Vialar kienet il-fundatriċi tal-Kongregazzjoni. Waqt li kienet fuq bastiment fi triqitha lejn Alġeri inkaljat f'Malta. Santa Emilja rat dan l-espisodju bħala sinjal minn Alla biex tistabbilixxi l-kongregazzjoni tagħha hawn Malta. Hija fetħet skola fil-Birgu u ftit wara s-sorijiet ġew imsejħa biex jieħdu ħsieb Konservatorju f'Bormla għal tfal orfni li jgħixu fid-distrett tal-Kottonera.

Huma ħadu f'idejhom dan il-Konservatorju bil-ħsieb li joffru edukazzjoni ċivika u morali lit-tfajliet foqra. Minħabba r-rabta tas-Sorijiet ma' San Ġużepp, dan l-orfanatrofju tat-tfajliet beda jissejjaħ il-Konservatorju ta' San Ġużepp.

Fl-1980, il-Konservatorju ta' San Ġużepp f'Bormla mexa għal post



Ħarsa perspettiva tal-presbiterju

akbar u attrezzat aħjar, sewwasew ġewwa Dar Sagra Familja, f'Ħaż-Żabbar. Il-bini f'Bormla għamel xi żmien mingħajr użu partikulari, sakemm ġie mibdul f'dar tal-anzjani fl-ewwel snin tas-seklu 21.

Il-knisja tinsab fiċ-ċentru tal-binja tal-Konservatorju u tifforma parti integrali mill-istess faċċata. Tinqasam fi tliet bajjiet. It-taqsima ċentrali għandha żewġ livelli. Il-livell t'isfel jospita l-bieb, filwaqt li l-livell ta' fuq għandu tieqa arjuża u huwa inkurunat bi gwarniċun u frontispizju. Dan tal-aħħar jinkludi l-armi tal-Isqfijiet Vincenzo Labini u Ferdinando Mattei li kienu ta' għajnuna kbira fit-twaqqif u ż-żamma ta' dan il-Konservatorju. Oriġinarjament, iz-zuntier kien magħluq b'kanċell u bi gradi tal-ħadid.

Il-Knisja ta' San Ġużepp għandha pjanta ovali u tinkludi tliet artali. Il-kwadru titulari tpitter minn Sebastiano Conca u huwa kkumplimentat bi skulturi ta' anġli adoraturi, tal-Ispirtu s-Santu taħt il-forma ta' ħamiema, u tas-simboli Ġużeppini. L-artali laterali




It-titular tas-Sagra Familja



L-artal ta' Ġesu mniżżel mis-Salib



L-artal tal-Assunta



l-armi tal-Isqfijiet Vincenzo Labini u Ferdinando Mattei

huma ddedikati lid-Duluri u lill-Assunta, u huma xogħol ta' Guercino u Rocco Buhagiar rispettivament. Il-parti ta' fuq tal-apside għandha rappreżentazzjoni ta' pellikan jitma' l-friegħ tiegħu bħala allegorija tal-Ewkaristija, filwaqt li l-erba' pilastri maġġuri huma mżejna bi kwadri ta' Ġanni Vella. Il-koppla hija ukoll ovali.

*Kitba: N Gingell*

*Informazzjoni mibura u misluta minn artikli mill-Internet*

*Ritratti: N Gingell (barra) S C Spiteri (ġewwa)*

https://talesofkottonera.com/mt/location/chapel-conservatory-of-st-joseph/

https://www.kottonera.mt/mt/things_to_do/st-josephs-conservatory/



L-artal ewlieni



Tlugh is-sema ta Marija, pittura ta' Rokku Buhagiar

# Il-Knisja ta' San Ġwann t'Għuxa, Bormla


Il-Kappella qabel il-gwerra

Waħda mill-iżgħar knejjes ta' Bormla hija dik ta' San Ġwann t'Għuxa jew San Ġwann l-Elemożinier. Fl-antik ftit kienu dawk li jgħaddu minn ħdejn din il-knisja, għax dawk l-akwati kienu disabitati. Iżda llum ħafna huma in-nies mill-inħawi tal-Kottonera li marru joqgħodu fil-qrib ta' din il-knisja minħabba l-bini ta' djar u apartamenti tal-Housing.

Flok il-knisja li hemm illum kien hemm oħra li kienet qadima ferm tant li kellha l-arma tal-Isqof Antonio Vulpano, Isqof ta' Malta bejn is-snin 1375 u 1392. Ma' din il-knisja kien hemm dar bil-ġnien. Din id-dar kien joqgħod fiha eremit.

Il-knisja l-antika kienet tagħmel mal-parroċċa tal-Gudja, u meta fis-sena 1593 twaqqfet il-paroċċa ta' Ħal Tarxien, spiċċat tagħmel taħt il-ġuriżdizzjoni tal-kappillan ta' dan ir-raħal peress li ġiet fil-konfini tiegħu. Il-festa ta' San Ġwann t'Għuxa, li taħbat fit-23 ta' Jannar, kienet tiġi ċċelebrata kull sena, l-ewwel mill-kappillan tal-Gudja, u wara mill-kappillan ta' Ħal Tarxien. Dan insibuħ miktub fir-rapporti li kien għamel Mons. Pietru Dusina fil-visti pastorali tiegħu.

Fi żmien il-Kavallieri din il-knisja twaqqgħet b'ordni tal-Gran Mastru għax setgħet tkun ta' ħsara għall-fortifikazzjonijiet ġodda tal-Kottonera. Meta iżda bdew jinbnew is-swar ta' Bormla, inbniet ukoll il-knisja li hemm illum u ħallas għaliha il-Pirjol Fra Pietru.


Tieqa li turi l-ħxuna tal-ħajt



Ħarsa minn ġewwa tal-daħla ewlenija—Ritratt ta' Max Camilleri

Viany. Din inbniet 'il ġewwa mis-swar fil-limiti tal-parroċċa ta' Bormla fis-sena 1682. Dan jixdhu l-annu li jinsab imnaqqax taħt is-salib ta' tmien ponot tal-Kavallieri li hemm imnaqqax fuq il-bieb tal-knisja.

Ma' din il-knisja kien hemm palazz li fih kellu appartament għalih il-Kappillan Konventwali li kien iqaddes u jieħu ħsieb din il-knisja. Sfortunatament dan il-palazz ġarrab ħsarat kbar mill-ħbit tal-għadu fl-aħħar gwerra dinjija, u minflok ma ġie rranġat u rrestawrat, twaqqa' kollu.

San Ġwann Elemożinier jew ta' Għuxa? Dan San Ġwann kien Isqof, Patrijarka ta' Lixandra, li twieled fil-gżira ta' Ċipru fis-sena 556 WK. Wara li tilef 'il martu u 'l uliedu, qassam flusu kollha lill-foqra, u mar lejn l-Eġittu biex jgħix ħajja qaddisa ta' eremit. Iżda minħabba l-fama tiegħu ta' qaddis ħatruħ Patrijarka ta' Lixandra. Kien imlaqqam "*Ta' Għuxa*" jew "*Elemożinier*" għal karita kbira li kien jgħamel ma' min kien fil-bżonn. Fi ħwejġu u fl-ikel tiegħu għex ta' fqir. Il-kelma "*Elemożinier*" tfisser wieħed li jagħti l-elemożina, jiġifieri għajnuna lil min hu batut sabiex ikun jista' jgħix. Hekk il-kelma "*Ta' Għuxa*", li ġejja mill-kelma għexien, tfisser wieħed li jagħti għexien lil min huwa fil-bżonn. Il-kelma għexien hija mnissla mill-kelma "*għaxra*" u għalhekk, għexien tfisser "*wieħed minn kull għaxra*", jiġifieri wieħed minn kull għaxra tad-dħul li wieħed ikollu. Mela San Ġwann ta' Għuxa tfisser San Ġwann li kien iqassam l-ikel jew l-għexien lill-fqar.

F'arkivju tal-Kolleġġjata ta' Bormla hemm lista (inventarju) tal-oġġetti kollha li kienu jappartjenu lil din il-knisja. L-aktar oġġett ta' preġju artistiku li kien hemm żgur li kien




San Ġwann l-Elemożinier

*Mattia Preti (1613-1699)*
*Kappella San Ġwann (Ta' Għuxa) - Bormla*


L-altar nieqes

il-kwadru titulari, xogħol sabieħ ferm tal-magħruf Mattia Preti. Dan juri 'il San Ġwann ta' Għuxa liebes ta' Isqof iqassam l-elemożina lill-fqar. Illum dan il-kwadru kif ukoll il-lunetta ta' fuqu jinsabu fil-Mużew Nazzjonali tal-Belt Valletta (MUŻA). Minflokhom fil-knisja ta' Bormla hemm kopji.

Kien hemm ukoll pittura oħra ta' Mattia Preti li turi 'il Missier Etern. Din ukoll illum tinsab fil-MUŻA. Fis-sagristija kien hemm pittura oħra, xogħol artistiku ieħor, iżda ta' pittur mhux magħruf. Jingħad ukoll li kien hemm statwa antika ħafna li turi 'il dan il-qaddis Ċipriott. Sfortunatament kemm il-kwadru kif ukoll l-istatwa ħadd ma jaf x'sar minnhom.

Il-knisja għandha faċċata sempliċi, b'żewġ pilastri fil-ġenb li jerfgħu entablatura, u iktar 'il fuq, pediment triangulari. Fuq dan il-pediment insibu l-arma bit-tmien ponot tal-Ordni ta' San Ġwann. Fuq il-bieb hemm gwarniċa u fuqu naraw salib ieħor tal-Kavallieri bit-tmien ponot li taħtu insibu mnaqqxa d-data 1862, li tfakkar is-sena meta kienet inbniet mill-ġdid din il-kappella. Mal-faċċata l-kappella m'għandiex twieqi u lanqas kampnar. Iżda fil-ġenb tal-kappella nsibu żewġ twieqi kbar bil-persjani tal-injam, waħda fuq kull naħa li jagħtu d-dawl lil din il-kappella. Fuq in-naħa tax-xellug naraw ukoll xi mwieżeb għall-ilma. Il-kappella għandha wkoll zuntier żgħir.

Minn ġewwa l-kappella għandha pjanta rettanogolari u hi mdaqqsa. Għandha saqaf troll li jistrieh fuq arkati nofs tondi. Il-kappella għandha altar wieħed li llum fuqu insibu kopja tal-pittura sabiħa tal-Preti (oriġinal fil-MUŻA). Fuq il-gwarniċ tal-ġebel tat-titular naraw skolpita kuruna u żewġ palmiet, waħda fuq kull naħa. Iktar 'il fuq fil-pittura tal-apside naraw lill-Missier Etern. Din hi wkoll kopja ta' pittura oħra sabiħa ta' Mattia Preti li kif għidna tinsab fil-MUŻA. Fuq l-altar li titla' għalih permezz


Il-kappella minn ġewwa

ta' żewġ tarġiet insibu żewġ bibien, wieħed fuq kull naħa tal-altar, li jwasslu għal sagristija żgħira.

Sa ftit qabel l-aħħar gwerra din il-knisja ġieli serviet għal xi laqgħat jew konferenzi u ġieli anke saret xi quddiesa fiha. Ix-xjuħ Bormliżi jgħidu li nhar ta' Ħadd kienu jmorru passiġġata f'dawk l-inħawi ma' Dun Spir Penza, u qabel jirtiraw lejn id-dar kien jagħtihom il-barka bis-Santissimu Sagrament, wara li jkunu rreċitaw hemm ir-Rużarju flimkien. Dawn ix-xjuħ ukoll jiftakru lil-Kurat Camilleri li fil-ġranet tal-Karnival kien itella' hemmhekk it-tfal tad-Dutrina biex jevitalhom it-taħwid ta' dawk il-ġranet.

Fl-aħħar gwerra dinjija din il-knisja intlaqtet mill-bombi tal-għadu u għamlet żmien twil mitluqa u abbandunata, sakemm fl-aħħar ħa ħsiebha il-Gvern Malti, u rrestawraha bis-sehem tal-istudenti tal-iskola "Gerolomo Cassar".

Minħabba l-iżvilupp li sar f'dawn l-akwati ta' Bormla, din il-knisja ħelwa ġiet issa fl-abitat. Wara diversi snin fejn f'din il-kappella ma kien isir xejn għajr xi wirja kultant, l-Għaqda Dilettanti tal-Polverista ta' Bormla qed tieħu ħsieb torganizza xi attivita fiha. L-istess Għaqda qed jieħdu ħsieb ukoll jorganizzaw il-festa ta' dan il-qaddis. Fil-fatt fis-sena 2016 għall-ewwel darba wara ħafna snin ġiet iċċelebrata din il-festa permezz ta' quddiesa. L-istess grupp organizzaw kunċert fiha u jieħdu ħsieb li jorganizzaw wirjiet għal żmien il-Milied kif ukoll fil- Ġimgħa l-Kbira.

Din hija l-unika knisja f'Malta li hi ddedikata lil dan il-qaddis.

*Kitba tal-Kanonku Joseph Bonello*

*Deskrizzjoni arkitettonika ta' Roderick Busuttil*

*Ritratti: N Gingell (barra), Owen Caruana, Internet ( ġewwa)*



Kopja tal-Missier Etern ta' Mattia Preti

# Il-Knisja ta' San Pawl Bormla




Il-knisja ta' San Pawl

Waħda mill-knejjes sbieħ li hemm f'Bormla żgur li hija dik iddedikata lil San Pawl Appostlu. Skont tradizzjoni qadima ħafna, jgħidu li din il-knisja nbniet fix-Xatt ta' Bormla, fejn San Pawl siefer minn Malta wara n-nawfraġju tiegħu fis-sena 6OW.K.

L-istoriku Achille Ferres jgħid li l-ewwel knisja ddedikata lil San Pawl ġiet mibnija fis-sena 1590. Kienet twaqqfet fit-3 ta' Ottubru 1590, permezz tal-Atti tan-Nutar Andrea Albano. Din il-knisja tħallielha l-obbligu li tagħmel il-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl fil-25 ta' Jannar ta' kull sena. Dan l-obbligu kien isir mill-qliegħ fuq għalqa qrib l-istess knisja, bħalma jżidu wkoll f'att tal-istess nutar tad-9 ta' Ottubru 1608.

Maż-żmien din il-knisja ta' San Pawl kienet kważi abbandunata, tant li kienet meqjusa bħala fqira ħafna. Għalhekk inħass il-bżonn li tinbena mill-gdid. Ġiet mibnija eżatt fl-istess post fejn kienet il-knisja l-qadima. Skont l-Atti Ċivili tal-Kurja ta' Malta, it-tqegħid u t-tberik tal-ewwel ġebla sar fil-11 ta' Awwissu 1735 mill-Isqof Fra. Paolo Alferan de Bussan fi żmien il-Gran Mastru Manwel de Vilhena. Kienu preżenti l-kleru ta' Bormla u għadd sabiħ ta' Bormliżi.

Il-knisja kif inhi llum kienet lesta fis-sena 1740, u ġiet imbierka mill-istess Isqof sena wara fl-1741. Il-pjanta tal-elevazzjoni esterna hija maħduma fuq skorfina bi tmien faċċati. Fil-fatt, erbgħa mit-tmien faċċati jagħtu għal fuq it-triq. Il-faċċata ewlenija tħares lejn Triq San Pawl, u tinkludi l-bieb ewlieni, niċċa bl-istatwa ta' San Pawl, tieqa u skudett bis-simboli tal-istess qaddis. Il-vertikalità ta' din il-kompożizzjoni hi aċċentwata aktar permezz tal-pilastri u



Ritratt antik tal-Knisja ta' San Pawl

il-frontispizju fil-livell tal-bejt. Fl-istess waqt, il-bieb huwa milħuq minn zuntier arjuż.

Din il-knisja għandha tliet altari. Il-kwadru titulari tal-Konverżjoni ta' San Pawl huwa kapulavur xogħol tal-Bormliż Rokku Buhagiar, l-aħħar artist Malti tal-Barokk, li sar flok ieħor li kien ta' Franġisku Zahra. Dan ġie mibdul b'ordni tal-Isqof Fra Vincenzo Labini, u għamel żmien fis-sagristija tal-istess knisja.

Fl-altar tal-lemin hemm kwadru artistiku ħafna ta' Franġisku Zahra li jirrappreżenta l-martirju ta' Santa Barbara. Fuq l-altar l-ieħor hemm pittura tal-Bormliż Ġanni Vella li turi s-Sagra Familja. Dan il-kwadru tqiegħed flok ieħor li kien jirrappreżenta lil San Franġisk de Paola. Dan it-tibdil sar fil-11 ta' Mejju tal-1919, fi żmien il-Prokuratur Mons. Spiru Penza li kien devot ħafna tas-Sagra Familja.

Ħdejn l-altar maġġur kien hemm ukoll żewġ kwadri laterali li jirrappreżentaw, wieħed il-Qawmien ta' Lażżru u l-ieħor il-Laqgħa ta' San Duminku ma' San Franġisk. Dan tal-aħħar huwa kopja ta' Mattia Preti. Illum dan il-kwadru qiegħed f'kamra viċin is-sagristija. Il- kwadru tal-Qawmien ta' Lażżru ħadd ma jaf x'sar minnu.


L-altar ewlieni



Il-Konverżjoni ta' San Pawl
*Rocco Buhagiar (1723-1805)*
*Kappella San Pawl - Bormla*

Statwa sabiħa ferm tal-kartapesta hija dik tal-Qalb ta' Ġesù, xogħol tal-magħruf statwarju Karlu Darmanin. Statwa oħra fl-injam hija dik ta' Santa Marija Goretti li inagħtat mill-familja Caruana b'wegħda. Hemm ukoll vara, jew aħjar bust, tal-"Ecce Homo" li llum jinsab fis-sagristija. Sa qabel il-gwerra kien hemm devozzjoni kbira lejn dan l-"Ecce Homo".

Fl-istess knisja kien hemm għal żmien twil l-istatwa sabiħa ta' Sant'Andrija, xogħol artistiku mill-aqwa fi-injam tal-Bormliż Salvu Psaila. Illum din il-vara artistika tinsab fis-sagristija tal-parroċċa, fin-niċċa l-qadima tal-Kunċizzjoni.

Fost l-opri artistiċi oħrajn li hemm fil-knisja ta' San Pawl, ta' min isemmi l-lampier tal-fidda, żewġ sferi għal Ġesù Sagramentat u żewġ kalċijiet sbieħ ferm,

wieħed minnhom tal-Kan. Mons. Dun Spir Penza. Kien hemm ukoll sett sabiħ tal-lama li kien jikkonsisti f'ventaltar, żewġ tużelli u pjaneta. Sabiħ ferm ukoll huwa l-paviment tal-irħam li tħallas mill-Ammiraljat meta dan kien imexxi t-tarzna, bħala radd ta' ħajr għax-xogħol li kien sar biex titwessa t-triq quddiem il-knisja. Hemm ukoll statwa antika ta' Ġesù Bambin.



Kwadru tal-Familja Mqaddsa ta' Ġanni Vella

Il-festa ta' San Pawl kienet u għadha ssir fil-25 ta' Jannar ta' kull sena. Lejlet il-festa kienet issir purċissjoni mill-parroċċa bis-sehem tal-Kapitlu, jitkanta l-Għasar u ssir il-Barka Sagramentali. Nhar il-festa filgħodu kienet issir Quddiesa Solenni bil-mużika u bil-Paneġierku minn xi oratur magħruf. Filgħaxija, wara l-għasar bil-mużika kienet terġa' ssir purċissjoni għall-parroċċa.

Festa sabiħa oħra kienet dik tal-Qalb ta' Ġesù. L-altar kien jintrama' b'mod stupend, b'mant kbir wara l-altar u ħafna xemgħa u fjuri. Kien isir Tridu b'quddiesa bl-omelija u tlett ijiem Adorazzjoni.

Il-funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira kienu u għadhom isiru kollha. Kien ukoll jintrama sepulkru sabiħ ħafna. Fl-Għid il-Kbir kienu jsiru l-Kwaranturi, b'adorazzjoni l-ġurnata kollha u b'quddiesa kantata bl-omelija. Fix-xahar ta' Mejju, kuljum, kienet issir priedka dwar il-Madonna u fir-Randan kienu u għadhom isiru l-Eżerċizzi Spiritwali.

Il-Prokuratur Mons. Dun Spir Penza, kien għamel il-kwadru tas-Sagra Familja, kabbar is-sagristija u waqqaf l-għaqda tal-"Figlie di Maria".

Wara l-aħħar gwerra, il-Prokuratur kien il-Kan. Prepostu Dun Ġużepp Burlo' meta f'Ottubru tal-1963 sajjetta laqtet il-knisja ta' San Pawl u għamlet ħafna ħsara, tant li damet magħluqa għal xi żmien. Wara Burlo' sar Prokuratur il-Kan. Teżorier Dun Gustav Barbara, li ħabrek ħafna biex din il-knisja ma jkun jonqosha xejn. Fi żmienu saret iz-zokklatura tal-injam. Dun Pawl Fenech, li għal xi żmien kien ukoll Kappillan ta' San Gejtanu fil-Ħamrun, kien l-aħħar Prokuratur tal-knisja ta' San Pawl li għamel il-bibien tas-sagristija u l-antiporta. Waqqaf ukoll Adorazzjoni Perpetwa u Għaqda għall-Anzjani. Illum il-knisja hija f'idejn l-Arċipriet tai-Parroċċa li ħabrek ħafna għar-restawr komplet ta' din il-knisja. Fl-2003 sar restawr fuq din il-knisja mill-"Cottonera Rehabilitation Plan".



Statwa ta' San Pawl fuq l-entratura prinċipali

*Kitba: Rev. Kan. Jos. Bonello*

*Artiklu imqassar meħud mis-sit www.kappellimaltin.com*

*Ritratti: N Gingell (barra), Ray Mizzi (ġewwa)*

# L-Oratorju ta' Marija Addolorata tal-Fratellanza tas-Santissima Kurċifiss, Bormla


L-artal ewlieni tal-Oratorju

Il-kult tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu ħa spinta kbira fil-Kottonera matul l-ewwel snin tas-seklu 18. Dan jidher b'mod partikolari fil-kisbiet tal-Fratellanzi tal-Kurċifiss fi ħdan il-parroċċi tal-Birgu, tal-Isla u ta' Bormla rispettivament. L-istess bħal fil-każ tal-Birgu u tal-Isla, il-Fratellanza tal-Kurċifiss ta' Bormla, li taf il-bidu tagħha fl-1647, ħadet ħsieb tibni Oratorju għaż-żamma tal-laqgħat tal-membri u kif ukoll għall-irfiegħ tal-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira u oġġetti relatati. Dan l-Oratorju jinsab fuq in-naħa tat-tramuntana u għandu aċċess mill-knisja parrokkjali, anke jekk id-daħla ewlenija tiegħu tinsab fi Triq l-Oratorju.

Fl-1634 giet imwaqqfa fil-parroċċa ta' Bormla il-fratellanza ta' l-Agunija. Din kienet tieħu ħsieb il-funerali u d-dfin tal-membri tagħha u tgħin lill-membri kemm spiritwalment kif ukoll finanzjarjament.

Fl-1669 wasal ġewwa Bormla il-Kurċifiss mirakuluż minn Kandja. Kandja, ġewwa Kreta, kienet għaddejja minn assedju għal żmien twil, u meta ċediet, l-Ottomani ħallew lill-insara jitilqu u jieħdu magħhom dak li xtaqu. Kien hemm knisja tad-Dumnikani, u ċertu Patri Molina għadda dan il-kurċifiss lil wieħed Bormliż biex jagħtih lid-Dumnikani fil-Birgu. Dan minflokk ġabu Bormla u rregalah lill-fratellanza tal-Agunija.

Dan il-Kurċifiss mirakuluż tpoġġa fuq l-altar ta' Santu Rokku fejn kienu jiltaqgħu il-fratelli u mill-ewwel ġibed devozzjoni kbira.

Minn hemm 'il quddiem il-fratellanza bdiet taħdem biex ixxerred id-devozzjoni lejn il-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesu Kristu u fl-1647 bidlet isimha u saret il-fratellanza taħt it-titlu tas-Santissimu Kurċifiss.



Il-Kurċifiss fl-Oratorju



Stemma tal-Isqof

Kienet numeruża tant li lejn l-1720 kellha diġa mal-mija u tmenin membru. Il-fratellanza kienu jidħlu fiha tobba, avukati, surmastrijiet tas-snajja u kaptani tax-xwieni. Għalhekk inħass il-bżonn li l-fratellanza jkollha post tagħha fejn tiltaqa għat-talb u l-funzjonijiet.

Il-Knisja parrokkjali kif inhi llum tlestiet fl-1722 u għalhekk fl-1731 il-fratellanza akkwistat l-art biex setgħet tibni Oratorju. Tqabbad jagħmel id-disinn il-perit Giacomo Bianco u l-ewwel ġebla tqiegħdet fl-14 ta' Diċembru tal-1731 u tbierket mill-Isqof Alpheran de Bussan. L-Oratorju tlesta wara erba' snin fl-1735. Kif tlestiet il-ġebla il-membri tal-fratellanza qabbdu lill-aqwa żewġ skalpellini ta' dak iż-żmien, Francesco Fabri u Pietro Paolo Zahra, dan ta' l-aħħar jiġi missier il-pittur Francesco Zahra, biex jgħamlu l-iskultura kollha ta' l-Oratorju.

Fuq il-kappella tiddomina l-arma ta' l-isqof Alpheran de Bussan u fuq nett insibu s-salib imqaddes b'żewġ anġli adoraturi ma ġenbu. Il-ħitan ta' l-Oratorju huma mżejna bi skultura sabiħa ferm fejn f'kull panew jidhru diversi simboli u misteri tal-passjoni. Insibu erba' statwi sbieħ ferm tal-ġebla Maltija imqiegħda fil-għoli ġewwa l-arkati ta' fuq is-sedji tal-Fratelli. Dawn jirrappreżentaw lil Kristu fl-Ort u l-Flagellazzjoni, xogħol Pietro Paolo Zahra, u l-Inkurunazzjoni bix-Xewk u Kristu taht is-Salib mal-Veronika, xoghol Franceso Fabri.

L-Oratorju huwa mżejjen ukoll b'xoghol sabiħ ta' l-injam fis-sede li jduru dawra mejt mal-oratorju li fuqhom kienu jpoggu l-fratelli. Jikkumplimentaw l -istess sedji insibu l-pulptu u s-sedja tar-Rettur. L-aħħar opra li saret fl-oratorju hija il-prospettiva tal-irħam ta' wara l-altar. Saret fuq disinn ta' Gio Antonio Nicholas .

Fl-1768 rega' ġie mqabbad il-pittur Francesco Zahra biex ipitter it-titular tad-Duluri u l-Missier Etern ta' fuqha. Il-kwadru titulari tal-Oratorju, li jirrappreżenta lis-Sinjur tagħna Ġesu Kristu mniżżel mis-salib fi ħdan tal-imqaddsa xbejba omm tiegħu Marija Addolorata ġie mpinġi mill-Francesco Zahra, li pinġa ukoll il-Missier Etern u l-Ispirtu Santu li jinsabu fuq dan il-kwadru, fuq



Statwa ta' Ġesu u l-Veronica

^^^^

il-frontispizju. Ta' min isemmi li sa l-1739 minflok dan il-kwadru titolari li naraw illum kien hemm kwadru ieħor li juri l-istess xena tad-Duluri, mpingi mill-pittur Enriku Rene, magħmul mill-ispejjeż tal-fratelli Iż-żewħ lunetti nofs tond ta' ġewwa l-kappella jirrappreżentaw it-Tlugh tas-Salib u l-Pieta, saru fl-1739 u huma wkoll xoghol Francesco Zahra.


Titular b'Gesu mnizzel mis-Salib

Hekk nistgħu ngħidu li l-Oratorju kien lest minn kollox kif nafuh illum fl-1770. Ta' min jgħid li l-ispejjez kollha ta' l-Oratorju u kull ma sar fih tħallsu kollha mill-membri fratelli ta' l-istess fratellanza

L-entratura ewlenija hija minn Triq L-Oratorju u tinsab mal-ħajt tal-ġenb tal-Oratorju u hija mmarkata permezz ta' bieb imżejjen bi skultura mirquma u b'medaljun li jġib fuqu x-xbieha tal-kurċifiss. Il-bqija tal-ħajt li jagħti fuq l-istess triq hu minfud minn numru ta' twieqi u minn bieb żgħir li jagħti għall-kripta li tinsab taħt l-Oratorju. Din kienet tintuża għad-dfin tal-fratelli. Insibu wkoll statwa tad-Duluri fuq kolonna u kampnar żgħir.


Kwadru tal-Immakulata Kunċizzjoni

Il-proporzjonijiet, dekorazzjoni skultorja u kif ukoll l-opri tal-arti li jħaddan jagħmlu dan l-Oratorju wieħed mill-ifjen eżempji f'Malta tal-arti Barokka.

Is-sofistikazzjoni artistika ta' dan l-ispazju ssir aktar imponenti matul il-festi, meta l-Oratorju jiġi armat b'kollezzjoni ta' xogħlijiet fil-fidda mill-aktar imponenti. Dawn jinkludu l-lampier, xogħol Giuseppe Guinaud, u l-ventartal maħdum mid-ditta Ghezzi ta' Milan fuq disinn ta' Abraham Gatt u mudell tal-injam ta' Francesco Ellul.

*Kitba : John Galea*
*Miżjuda b'informazzjoni dwar it-titular mill-Kan. Kant. Gustavo M. Barbara*
*Kif ukoll informazzjoni tal-faċċata u ta' ġewwa mis-sit https://talesofkottonera.com/mt/location/oratory-of-the-holy-cross/*

*Ritratti : N Gingell, M MIcallef*

^^^^

# Pitturi ta' Francesco Zahra



Ġesu bis-Salib fuq bieba tat-tabernaklu

Francesco Zahra



L-Immakulata Kunċizzjoni fil-Knisja tal-Madonna tal-Patronċinju, l-Għasri ta' Francesco Zahra



Ġesu nkurunat bil-kuruna tax-xewk fl-Orotorju tas-SS Kurċifiss, l-Isla

Francesco Zahra



Ir-Re David idoqq l-arpa fl-Orotorju tas-SS Sagrament, iż-Żejtun

Francesco Zahra